# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru : 14/2021 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**AV**

**vs**

**RVP**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' AV datat 13 ta' Jannar 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

> *Illi l-partijiet kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-3 ta Mejju tas-sena 2002 kif jirrizulta mill-anness certifikat markat Dok A;*
>
> *Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt itfal li huma tewmin u li jisimhom BV u EV li twieldu f'X.;*
>
> *Illi l-istess partijet isseparaw legalment minn ma xulxin in forza ta kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Elena Farrugia datat 22 ta Novembru tas-sena 2018 hawn anness markat Dok B;*
>
> *Illi skond l-istess att pubbliku fi klawsola numru 32 gie espressament iddikjarat li l-attur kien ivvaka d-dar konjugali sa minn Dicembru tas-sena 2016 u li ghalhekk*

*l-istess partijiet ilhom separati minn ma xulxin ghal aktar minn erba snin;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu u inoltre z-zewg partijiet qed ighixu hajja ndipendenti minn ma xulxin;*

*Illi ma tezisti ebda problema ghal hlas ta alimenti favur l-intimata ghal uliedhom u l-attur dejjem kien puntwali fil-hlas ta l-istess u dejjem onora l-klawsoli kollha kontrattwali dwar din il-materja ta manteniment;*

*Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficcjenti sabiex jissoddisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-raguni premessa:-*

*1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

*2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet halli dan l-istat ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' RVP datata 28 ta' Mejju 2021, a fol 19 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti giet notifikata bir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, flimkien mad-dikjarazzjoni tieghu u d-dokumenti esebiti flimkien mal-istess fejn essezjalment talab illi dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg taghhom.*

*Illi l-esponenti qeghda ai finijiet u l-effetti kollha tal-ligi tikkonferma l-kontenut tal-atti pprezentati mill-istess rikorrenti, d-dokumenti u d-dikjarazzjoni minnu*

*maghmula, u konsegwentement tiddikjara li m'ghandha ebda oggezzjoni ghat-talbiet odjerni.*

*Illi finalment l-esponenti m'ghandha tigi kkundannata thallas xejn mill-ispejjez in konnessjoni ma' dina l-procedura.*

*Daqstant ghandha l-unur tissottometti l-esponenti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-Noti tal-partijiet datati 5 ta' Mejju 2021 u 4 ta' Gunju 2021, li permezz taghhom ppresentaw l-affidavits taghhom;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AV** xehed (vide affidavit fol 16) illi l-partijiet izzewgu nhar it-3 ta' Mejju 2002, u li min dan iz-zwieg kellhom tewmin li ghandhom minnorenni. Sostna li ilhom sseparati de facto mis-sena 2016 stante li kien ivvaka mid-dar konjugali, waqt li l-kontendenti ffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-22 ta' Novembru 2018 fl-atti tan-Nutar Dr. Elena Farrugia. Iddikjara illi ma hemm ebda possibilita' ta' rikonciljazzoni u li t-tnejn li huma ghandhom hajja ndipendenti minn xulxin. Xehed finalment illi ma hemm ebda kwistjonijiet pendenti bejniethom rigward il-manteniment.

**RVP** xehdet (vide affidavit fol 22) u kkollaborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx***

***meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-3 ta' Mejju 2002, liema zwieg jgib c-certifikat numru 469/2002 (vide Dok A, certifikat taz-zwieg, a fol 3). Minn dan iz-zwieg kellhom tewmin li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar it-22 ta' Novembru 2018 fl-atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia (vide Dok B, a fol 4 et seqq.) Mill-affidavit tal-attur a Fol 17 kif kollaborat mill-affidavit tal-intimata a Fol 22, jirrizulta illi fis-sena 2016, l-attur kien ivvaka mid-dar konjugali. Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu' ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 469/2002 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**